



Dokument ta' sessjoni

A8-0210/2018

20.6.2018

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni ppreżentata minn Franza – EGF/2017/009 FR/Air France) (COM(2018)0230 – C8-0161/2018 – 2018/2059(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Alain Lamassoure

WERREJ

	Pàġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	7
NOTA SPJEGATTIVA.....	9
ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJEGI U L-AFFARJIET SOĊJALI.....	13
ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI	16
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	17
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	18

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni ppreżentata minn Franza – EGF/2017/009 FR/Air France) (COM(2018)0230 – C8-0161/2018 – 2018/2059(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)230 – C8-0161/2018),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-Regolament dwar il-FEG),
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020², u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³ (il-FII tat-2 ta' Diċembru 2013), u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu prevista fil-punt 13 tal-FII tat-2 ta' Diċembru 2013,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0210/2018)),
- A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji bħala appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qegħdin ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji jew tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, u biex tgħinhom jergħu jintegraw ruħhom fis-suq tax-xogħol;
- B. billi l-ġhajjnuna finanzjarja tal-Unjoni għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja għandha tkun dinamika u għandha ssir disponibbli bl-akbar ħeffa u effiċjenza possibbli;
- C. billi Franza ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2017/009 FR/Air France għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, b'segwitu għall-1 858 sensja fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 51 ta' NACE Reviżjoni 2 (Trasport bl-ajru) fir-reġjuni tal-Île-de-France

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

(FR10) u tal-Provence-Alpes-Côte d'Azur (FR82) tal-livell NUTS 2 fi Franza;

- D. billi l-appoġġ lill-kumpaniji tal-ajru tal-Unjoni huwa ta' importanza kruċjali fid-dawl tal-fatt li sehemhom mis-suq tal-Unjoni fis-settur tat-trasport internazzjonali tal-ajru qiegħed jonqos;
- E. billi l-applikazzjoni hi msejsa fuq il-kriterji ta' intervent tal-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li jrid ikun hemm mill-inqas 500 ħaddiem li nġhataw is-sensja matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li nġhataw is-sensja minn fornituri u produtturi aktar 'l isfel fil-katina ta' produzzjoni u / jew minn persuni li jaħdmu għal rashom u li l-attività tagħhom intemmet;
1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-FEG huma ssodisfati, u li Franza għandha d-dritt għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 9 894 483 skont dan ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 60 % tal-ispiża totali ta' EUR 16 490 805, liema spiża tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 16 410 805 u n-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, amministrazzjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar ta' EUR 80 000;
 2. Jinnota li l-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw l-applikazzjoni fit-23 ta' Ottubru 2017, u li, wara li Franza tat informazzjoni addizzjonali, il-Kummissjoni ffinalizzat il-valutazzjoni tagħha fit-23 ta' April 2018 u nnotifikat il-Parlament dakinhar stess;
 3. Jinnota li Franza bdiet toffri servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fid-19 ta' Mejju 2015, għaldaqstant il-perjodu ta' eleggibilità għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se jkun mid-19 ta' Mejju 2015 sat-23 ta' Ottubru 2019;
 4. Ifakkar li din hi t-tieni applikazzjoni minn Franza, u t-tielet waħda dwar it-trasport bl-ajru, għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fir-rigward tas-sensji fl-Air France, wara l-applikazzjoni EGF/2013/014 FR/Air France fl-2013, li kien hemm deċiżjoni pożittiva dwarha¹, u EGF/2015/004 IT/Alitalia fl-2015;
 5. Ifakkar li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG hija maħsuba għall-ħaddiema li nġhataw is-sensja biex tgħin hom isibu impjieg alternattiv, u ma tikkostitwix sussidju lill-kumpaniji;
 6. Jinnota li Franza ssostni li s-sensji huma marbuta ma' bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, u aktar speċifikament mat-taqlib ekonomiku serju li għadda minnu s-settur internazzjonali tat-trasport bl-ajru, b'mod partikolari t-tnaqqis tas-sehem tal-Unjoni fis-suq meta mqabbel maż-żieda spetakolari tat-tliet kumpaniji l-aktar importanti tal-Golf Persjan, li jirċievu livell għoli ħafna ta' għajjnuna u sussidji mill-istat u huma soġġetti għal regolamentazzjoni soċjali u ambjentali anqas restrittiva minn dik li tapplika għall-kumpaniji tal-Unjoni;

¹ Id-Deċiżjoni (UE) 2015/44 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 13 tal-Ftehim Interstituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2013/014 FR/Air France, minn Franza) (ĠU L 008, 14.01.2015, p. 18).

7. Jiddeplora l-livell ta' sussidji u ta' għajnuna mill-istat li jirċievu l-linji tal-ajru Emirates, Qatar Airways u Etihad Airways, b'mod li wassal għal żieda kbira fil-kapaċità tagħhom u dgħajjef il-pożizzjoni ta' ajruporti prinċipali Ewropej, fosthom dik ta' Charles de Gaulle ta' Pariġi;
8. Ifakkar li, fit-8 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni adottat proposta għal regolament dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru¹ li għandha l-għan li tiżgura kompetizzjoni ġusta bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni u dawk tal-pajjiżi terzi, bil-ħsieb li jinżammu kundizzjonijiet li jwasslu għal livell għoli ta' konnettività; jinnota li l-Parlament u l-Kunsill mistennija jibded in-negozjati dwar din il-proposta leġiżlattiva fil-ħarifa tal-2018;
9. Ifakkar li s-sensji li ngħataw fl-Air France mistennija jkollhom effett ħażin sinifikanti fuq l-ekonomija lokali, li għandha problemi marbuta mal-qgħad fit-tul u mar-riallokazzjoni ta' ħaddiema li għandhom 50 sena jew aktar;
10. Jistieden lil Air France tiżgura d-djalogu soċjali ta' kwalità għolja li huwa meħtieġ;
11. Jinnota li l-applikazzjoni torbot ma' 1 858 ħaddiem li ngħataw is-sensja mill-Air France, li fil-parti l-kbira tagħhom għandhom bejn 55 u 64 sena; jirrikonoxxi l-importanza ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol kofinanzjati mill-FEG biex itejbu l-possibiltajiet ta' reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol; jinnota, barra minn hekk, li l-ebda ħaddiem li ngħata s-sensja mhux fil-faxxa ta' età bejn 25 u 29 sena jew għandu aktar minn 64 sena;
12. Jinnota li Franza qiegħda tippjana ħames tipi ta' azzjonijiet għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja u li huma koperti minn din l-applikazzjoni: (i) servizzi ta' konsulenza u gwida vokazzjonali għall-ħaddiema, (ii) taħriġ vokazzjonali, (iii) kontribuzzjoni għall-irkupru ta' negozju jew għall-ftuħ ta' negozju ġdid, (iv) benefiċċju tat-tiftix għal impjeg, (v) benefiċċju tal-mobbiltà;
13. Jilqa' pożittivament il-mod li bih il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-benefiċjarji fil-mira u tas-šhab soċjali, kif ukoll il-ftehimiet bejn l-Air France, it-trade unions u l-Kunsill Ċentrali tal-Impriża li żguraw li kull tluq ikun fuq bażi volontarja;
14. Josserva li s-servizzi personalizzati kofinanzjati mill-FEG huma maħsuba għall-ħaddiema li, fil-waqt tat-tluq volontarju tagħhom, ma jkollhomx pjanijiet preċiżi għal bidla fl-impjeg u jixtiequ jibbenefikaw minn miżuri ta' taħriġ mill-ġdid, konsulenza, gwida jew assistenza biex iwaqqfu jew jakkwistaw negozju;
15. Jirrikonoxxi li l-Kodiċi tax-Xogħol Franċiż jirrikjedi li kumpanija li timpjega aktar minn elf ruħ tippromovi miżuri u li l-applikazzjoni għal-FEG ma tipprevedi l-ebda kontribuzzjoni fl-ewwel erba' xhur tal-leave għall-bidla fl-impjeg, li jikkorrispondu għat-tul ta' żmien minimu stabbilit bil-liġi Franċiża;
16. Jinnota li l-miżuri ta' appoġġ għall-introjtu se jirrappreżentaw massimu ta' 35 % tal-pakkett kumplessiv ta' miżuri personalizzati stabbilit fir-Regolament dwar il-FEG, u li dawn l-azzjonijiet jiddependu mill-parteciċipazzjoni attiva min-naħa tal-benefiċjarji fil-

¹ COM(2017)0289

mira fl-attivitajiet ta' tiftix għax-xogħol jew għat-taħriġ;

17. Ifakkar li, b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament, it-tfassil tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati għandu jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa u għandu jkun kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;
18. Jenfasizza li l-awtoritajiet Franċiżi kkonfermaw li l-azzjonijiet eleġibbli ma jirċevux assistenza minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;
19. Itenni li l-assistenza mill-FEG ma tridx tissostitwixxi azzjonijiet li jkunu r-responsabbiltà tal-kumpaniji, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali jew ta' ftehimiet kollettivi, jew miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
20. Jistieden lill-Kummissjoni thegħeġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex jipprovdu aktar dettalji, fi proposti futuri, dwar is-setturi li jkollhom prospettivi ta' tkabbir, u li għalhekk aktarx jirreklutaw in-nies, kif ukoll biex jiġbru data sostanzjata dwar l-impatt tal-finanzjament mill-FEG, inkluż dwar il-kwalità tal-impjiegi u r-rata ta' reintegrazzjoni miksuba permezz tal-FEG; barra minn hekk, jitlob li l-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni tal-FEG u tirrapporta lura lill-Parlament;
21. Ifakkar fit-talba tiegħu li l-Kummissjoni tiżgura li l-pubbliku jkollu aċċess għad-dokumenti kollha relatati ma' każijiet tal-FEG;
22. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNES: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni ppreżentata minn Franza – EGF/2017/009 FR/Air France

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba², u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (minn hawn 'il quddiem "FEG") għandu l-iskop li jagħti appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u lill-persuni li kienu jaħdmu għal rashom u kellhom iwaqqfu l-attività tagħhom minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji bħala riżultat tal-globalizzazzjoni, bħala riżultat tal-kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew bħala riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida, u li jassistihom fir-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma jridx jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif previst fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013³.
- (3) Fit-23 ta' Ottubru 2017, Franza ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-Air France fi Franza. Din l-applikazzjoni ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. L-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-FEG jiġi mobilizzat biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 9 894 483 għall-applikazzjoni ppreżentata minn Franza.
- (5) Sabiex iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG jitnaqqas kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni stabbilit għas-sena finanzjarja 2018, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 9 894 483 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din id-deċiżjoni għandha tapplika mill-*[data ta' adożzjoni ta' din id-deċiżjoni]**.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

* Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Kuntest

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni nħoloq biex jipprovdi assistenza addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹ u tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013², il-Fond ma jistax jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011). L-ammonti xierqa jiddaħħlu bħala proviżjon fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-proċedura, skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba³, sabiex jiġi attivat il-Fond, f'każ ta' valutazzjoni pożittiva tal-applikazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni, hija għandha tippreżenta proposta għal mobilizzazzjoni tal-Fond u, fl-istess waqt, talba korrispondenti għal trasferiment lill-awtorità baġitarja. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil għandu jinbeda trilogu.

II. L-applikazzjoni ta' Franza u l-proposta tal-Kummissjoni

Fit-23 ta' April 2018, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur Franza bħala appoġġ għar-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema li nġhataw is-sensja minn intrapriża waħda li topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 51 ta' NACE Reviżjoni 2 (Trasport bl-ajru). Is-sensji li nġhataw mill-Air France jinsabu prinċipalment fir-reġjuni tan-NUTS livell 2 tal-Île-de-France (FR10) u tal-Provence-Alpes-Côte d'Azur (FR82) fi Franza. Il-proposta ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fit-23 ta' Marzu 2018.

Din hija s-sitt applikazzjoni li se tkun taħt eżami fil-qafas tal-baġit tal-2018, u t-tielet waħda fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 51 ta' NACE Reviżjoni 2 (Trasport bl-ajru) minn mindu ġie stabbilit il-FEG. Hija tirrigwarda 1 858 ħaddiem li nġhataw is-sensja u tirreferi għall-mobilizzazzjoni ta' ammont totali ta' EUR 9 894 483 mill-FEG għal Franza.

L-applikazzjoni ntbagħtet lill-Kummissjoni fit-23 ta' Ottubru 2017 u ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali sal-1 ta' Frar 2018. Il-Kummissjoni ffinalizzat il-valutazzjoni tagħha fit-23 ta' April 2018 u kkonkludiet, bi qbil mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament dwar il-FEG, li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-FEG.

Franza sostniet li s-sensji huma marbuta mal-bidliet strutturali ewlenin fl-andament kummerċjali dinji minħabba l-globalizzazzjoni, u b'mod aktar partikolari mat-taqbib ekonomiku serju li s-settur internazzjonali tat-trasport bl-ajru għadda minnu, b'mod partikolari t-tnaqqis fis-

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

sehem mis-suq tal-UE. L-iktar effetti tal-globalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru li jagħmlu ħsara lill-kumpaniji tal-UE huma, skont l-awtoritajiet Franċiżi, minħabba ż-żieda qawwija ħafna fil-kapaċità tal-Emirates, tal-Qatar Airways u tal-Etihad Airways li ilha għaddejja mill-2012.

L-akbar numru ta' sensji kien fl-Île-de-France (76,2 %) u fil-Provence-Alpes-Côte d'Azur (PACA) (11,7 %), territorji bi problemi marbuta mal-qgħad fit-tul u mal-bidla fl-impjeg ta' ħaddiema f'età ogħla minn 50 sena; Din il-faxxa ta' età tirrappreżenta 79 % tal-għadd totali ta' sensji. Għadd kbir ta' ħaddiema li nġhataw is-sensja kien ukoll nisa (47,6 %). Il-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol kofinanzjati mill-FEG huma aktar u aktar importanti għat-titjib tal-possibilitajiet ta' reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawn il-gruppi.

Il-ħames tipi ta' azzjonijiet li għandhom jiġu offruti lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja u li għalihom qed jintalab il-kofinanzjament mill-FEG jikkonsistu f'dan li ġej:

– Servizzi ta' konsulenza u gwida vokazzjonali għall-ħaddiema: Il-ħaddiema se jkunu akkumpanjati u orjentati lejn il-proġetti tagħhom għal għall-bidla fl-impjeg bħala ħaddiema jew persuni li jaħdmu għal rashom. Il-parteċipanti se jgawdu minn konsulenza u gwida dwar il-karriera, appoġġ għat-tfittix ta' impjeg, kowċing, taħrif dwar taħriġ disponibbli, promozzjoni tal-intraprenditorija u pariri dwar negozji ġodda, eċċ.

– Taħriġ vokazzjonali: Il-ħaddiema se jiġu proposti diversi tipi ta' taħriġ li jkunu mfassla għall-ħtiġijiet tagħhom, kif identifikat mill-kunsilliera li jkunu qed jipprovdu s-servizzi konsultattivi. Se tingħata attenzjoni partikulari lill-"*parcours encadrés*" li huwa taħriġ vokazzjonali fit-tul dwar impjegi li hemm domanda għalihom.

– Kontribuzzjoni għall-irkupru ta' negozju jew negozju ġdid: Ħaddiema li jibdeu in-negozju tagħhom (irkupru ta' negozju jew negozju ġdid) se jirċievu sa EUR 15 000 biex ikopru l-ispejjeż tal-bidu, l-investment fl-assi u n-nefqa attwali. Il-kontribuzzjoni se tiffallas f'diversi pagamenti ladarba jkunu ntlaħqu ċerti tragwardi.

– Kumpens ta' tfittix tal-impjeg: Dan il-kumpens ta' kull xahar, li jiffallas sat-tmiem tal-liv għall-bidla fl-impjeg, jammonta għal 70 % tal-aħħar salarju gross tal-ħaddiem. Dan l-ammont jiġi kkalkulat abbażi tas-suppożizzjoni tal-parteċipazzjoni full-time tal-ħaddiema f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol; jekk il-parteċipazzjoni tkun inqas, il-FEG se jagħti kumpens lill-ħaddiema li jkun proporzjonat għall-parteċipazzjoni reali tagħhom.

– Benefiċċju tal-mobbiltà: Il-ħaddiem fil-mira li jaċċetta impjeg, li jinvolvi bidla fir-residenza li tkun ta' aktar minn 100 km mill-post attwali ta' residenza, jirċievi somma f'daqqa ta' EUR 3 000 li tkopri n-nefqa meħtieġa. Dan l-ammont se jiżdied b'EUR 500 għal konjuġi mhux separati, sieħeb jew sieħba bil-PACS¹ jew sħubija domestika ("*concubinage*") u EUR 500 oħra għal kull wild.

Skont il-Kummissjoni, il-miżuri deskritti jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eleġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG u ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

L-awtoritajiet Franċiżi taw il-garanziji kollha meħtieġa rigward dan li ġej:

– il-prinċipji tat-trattament indaqs u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rrispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u l-implimentazzjoni tagħhom,

¹ Sħab marbuta b'patt ċivili ta' solidarjetà (*pact civil de solidarité* (PACS)).

- hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE rigward is-sensji kollettivi,
- l-intrapriża li tat is-sensji, u li kompliet bl-attivitajiet tagħha wara s-sensji, ikkonformat mal-obbligi ġuridiċi tagħha li tirregola s-sensji u pprovdiet għall-ħaddiema tagħhom kif xieraq,
- l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni u mhu se jitħalla jsir l-ebda finanzjament doppju,
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-ġhajnuniet mill-Istat.

Franza avżat lill-Kummissjoni dwar il-fatt li s-sors ta' prefinanzjament jew ta' kofinanzjament nazzjonali huwa l-Air France. Il-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita mid-Délégation générale à l'emploi et à la formation professionnelle (DGEFP) tal-Ministeru tax-Xogħol, tal-Impjiegi, tat-Taħriġ Vokazzjonali u tad-Djalogu Soċjali, b'mod partikolari mill-unità "Fonds national de l'emploi" (DGEFP - MFNE).

III. Proċedura

Sabiex timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ressqet lill-Awtorità Baġitarja talba għal trasferiment għal ammont globali ta' EUR 9 894 483 mir-riżerva tal-FEG (40 02 43) għal-linja baġitarja tal-FEG (04 04 01).

Sal-lum, din hija s-sitt proposta għal trasferiment għall-mobilizzazzjoni tal-Fond trażmessa lill-Awtorità Baġitarja matul l-2018.

F'każ ta' nuqqas ta' qbil għandha tinbeda l-proċedura ta' trilogu, kif previst fl-Artikolu 15(4) tar-Regolament dwar il-FEG.

Skont ftehim intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali għandu jiġi assoċjat fil-proċess sabiex joffri appoġġ kostruttiv u jagħti kontribut għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

D(2018)17345

Is-Sur Jean Arhuis
President tal-Kumitat għall-Baġits
ASP 09G205

Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għall-każ EGF/2017/009 FR/Air France

Onor. President,

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) kif ukoll il-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar il-FEG eżaminaw il-mobilizzazzjoni tal-FEG għall-każ EGF/2017/009 FR/Air France u adottaw l-opinjoni li tidher hawn taħt.

Il-Kumitat EMPL u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-FEG huma favur il-mobilizzazzjoni tal-Fond rigward din it-talba. F'dan ir-rigward, il-Kumitat EMPL jippreżenta xi kummenti mingħajr, madankollu, ma jqajjem dubji dwar it-trasferiment tal-pagamenti.

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat EMPL jserrġu fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- A) Billi din l-applikazzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ir-Regolament dwar il-FEG) u tirrigwarda l-1 858 ħaddiem li ngħataw is-sensja f'intrapriża, l-Air France, li topera fis-settur ekonomiku kklassifikat skont id-Diviżjoni 51 ta' NACE Reviżjoni 2 (Trasport bl-ajru);
- B) Billi, sabiex tiġi stabbilita rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fl-andament kummerċjali dinji minħabba l-globalizzazzjoni, Franza ssostni li s-settur internazzjonali tat-trasport bl-ajru għadda minn taqlib ekonomiku serju, b'mod partikolari tnaqqis f'shem l-UE mis-suq. Iż-żieda ferm qawwija fil-kapaċità tal-linji tal-ajru tal-Golf kellha rwol importanti f'dan it-tnaqqis;
- C) Billi 52,4 % tal-ħaddiema fil-mira tal-miżuri huma rġiel u 47,6 % huma nisa; billi 64,4 % tal-benefiċjarji fil-mira għandhom bejn 55 u 64 sena, filwaqt li 35,6% għandhom bejn 30 u 54 sena;
- D) Billi l-ex impjegati ta' din il-kumpanija rċevew appoġġ mill-FEG f'każ ieħor preċedenti(EGF/2013/014 FR/Air France).

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, jintegra s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu rigward l-applikazzjoni Franċiża:

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013 huma ssodisfati, u li, għaldaqstant, skont dan ir-Regolament, Franza għandha dritt għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 9 894 483, li tirrappreżenta 60 % tal-ispiża totali ta' EUR 16 490 805;
2. Jinnota li l-Kummissjoni rrispettat l-iskadenza ta' 12-il ġimgħa mill-wasla tal-applikazzjoni kompluta min-naħa tal-awtoritajiet Franċiżi biex ikkonkludiet il-valutazzjoni tagħha dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja fit-23 ta' April 2018, u nnotifikatha lill-Parlament fl-istess ġurnata;
3. Jiddeplora l-livell ta' sussidji u ta' għajjnuna mill-isstat li jirċievu l-linji tal-ajru Emirates, Qatar Airways u Etihad Airways, li wasslu għal żieda kbira fil-kapaċità u dgħajfu l-pożizzjoni ta' ajruporti prinċipali Ewropej, fosthom dak ta' Charles de Gaulle, Pariġi;
4. Ifakkar li, fit-8 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni adottat proposta għal regolament dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru¹ li għandu l-għan li jiżgura kompetizzjoni ġusta bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni u dawk tal-pajjiżi terzi, bil-ħsieb li jinżammu kundizzjonijiet li jwasslu għal livell għoli ta' konnettività; josserva li l-Parlament u l-Kunsill se jibdeu in-negozjati dwar din il-proposta fil-ħarifa;
5. Jirrikonoxxi li l-perċentwal għoli ta' ħaddiema f'età ta' aktar minn 50 sena jżid id-diffikultà li jinstabu impjegi alternattivi għall-benefiċjarji fil-mira;
6. Josserva li s-servizzi personalizzati kofinanzjati mill-FEG huma maħsuba għall-ħaddiema li, fil-waqt tat-tluq volontarju tagħhom, ma jkollhomx pjanijiet preċiżi għal bidla fl-impjieg u jixtiequ jibbenefikaw minn miżuri ta' taħriġ mill-ġdid, konsulenza, gwida jew assistenza biex iwaqqfu jew jakkwistaw negozju;
7. Jirrikonoxxi li l-Kodiċi tax-Xogħol Franċiż jirrikjedi li kumpanija li timpjega aktar minn elf ruħ tipproponi miżuri u li l-applikazzjoni lill-FEG ma tippredvi l-ebda kontribuzzjoni fl-ewwel erba' xhur tal-leave għall-bidla fl-impjieg, li jikkorrispondu għat-tul ta' żmien minimu stabbilit bil-liġi Franċiża;
8. Jilqa' pożittivament il-mod li bih il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-benefiċjarji fil-mira u tas-šhab soċjali kif ukoll il-ftehimiet bejn l-Air France, it-trade unions u l-Kunsill Ċentrali tal-Intrapriża li żguraw li kull tluq kien fuq bażi volontarja;
9. Jinnota li l-miżuri ta' appoġġ għall-introjt jirrappreżentaw massimu ta' 35 % tal-pakkett globali ta' miżuri personalizzati stabbilit fir-Regolament; u li dawn l-azzjonijiet jiddependu mill-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira fl-attivitajiet ta' tfittix għal impjieg jew għal taħriġ;
10. Josserva li l-awtoritajiet Franċiżi kkonfermaw li l-azzjonijiet proposti mhux se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn fondi nazzjonali jew minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;

¹ COM(2017)289

11. Jilqa' pożittivament l-garanzija min-naħa ta' Franza li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se tieħu post l-azzjonijiet li l-intrapriża kkonċernata jeħtiġilha tieħu bis-saħħa tad-dritt nazzjonali jew bi qbil ma' ftehimiet kollettivi;
12. Ifakkar li, b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament, it-tfassil tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati għandu jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa u għandu jkun kompatibbli mat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;

Dejjem tiegħek,

Marita ULVSKOG

L-ewwel Viċi President u Aġent President tal-Kumitat EMPL

Suġġett: **Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**

Onor. Athuis,

Il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġiet riferita lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali għall-opinjoni tiegħu. Nifhem li hemm il-ħsieb li rapport dwar din il-proposta jiġi adottat fil-Kumitat għall-Baġits fl-4 ta' Ġunju 2018:

- Id-dokument **COM(2018)0230** jipproponi kontribuzzjoni mill-FEG ta' EUR 9 894 483 għal 1 858 ħaddiem li ngħataw is-sensja mill-Air France. L-Air France topera fis-settur ekonomiku kklassifikat skont id-Diviżjoni 51 ta' NACE Reviżjoni 2 (Trasport bl-ajru). Is-sensji li ngħataw mill-Air France jinsabu prinċipalment fir-reġjuni tan-NUTS livell 2 tal-Île-de-France (FR10) u ta' Provence-Alpes-Côte d'Azur (FR82).

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Il-koordinaturi tal-Kumitat ivvalutaw din il-proposta u talbuni niktiblek biex ninfurmak li l-maġġoranza tal-Membri ta' dan il-Kumitat m'għandhom l-ebda oġġezzjoni għal din il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni biex l-ammont imsemmi hawn fuq jiġi allokat kif propost mill-Kummissjoni.

(Formula ta' għeluq u firma)

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

31	+
ALDE	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Gérard Deprez, Anneli Jäätteenmäki
ECR	Zbigniew Kuźmiuk
PPE	Richard Ashworth, José Manuel Fernandes, Monika Hohlmeier, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Verónica Lope Fontagné, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Petri Sarvamaa, Ivan Štefanec, Patricija Šulin, Inese Vaidere
S&D	Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Iris Hoffmann, John Howarth, Vladimír Maňka, Pavel Poc, Răzvan Popa, Manuel dos Santos, Claudia Țapardel, Isabelle Thomas, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Jordi Solé, Monika Vana

3	-
ECR	Bernd Kölmel
EFDD	John Stuart Agnew
ENF	Auke Zijlstra

2	0
ENF	Marco Zanni
GUE/NGL	Martina Anderson

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	19.6.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 -: 3 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nedzhmi Ali, Jean Arthuis, Richard Ashworth, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Răzvan Popa, Petri Sarvamaa, Jordi Solé, Patricija Šulin, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Monika Vana, Tiemo Wölken, Marco Zanni
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Anneli Jäätteenmäki, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Verónica Lope Fontagné, Andrey Novakov, Pavel Poc, Claudia Țapardel
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Martina Anderson, Auke Zijlstra, Ivan Štefanec